# Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

# Onor. Miriam Hayman

# Imhallef

**Rikors Ġuramentat 411/2022MH**

**Fl-ismijiet;**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Milen Teodorov Mihaylov**

**(Karta tal-Identità numru 69361A)**

**Illum 16 ta' Diċembru, 2022.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-kumpannija HSBC Bank Malta p.l.c.li fih ppremettew illi-;**

*« Tesponi bir-rispett u l-Av. Dr Ralph Agius Fernandez (Karta' ta' identita' bin-numru 565688M) in rappreżentanza tal-kumpannija esponenti, kif debitament awtorizzat, bil-ġurament tiegħu jikkonferma s-segwenti fatti, li hu jaf bihom minn dokumenti miżmuma fi ħdan l-istess kumpannija:*

1. *Illi in forza ta' kuntratt tal-4 ta' Settembru 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela, il-Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja lill-konvenut Milen Teodorov Mihaylov konsistenti f'self (Home Loan Facility) fis-somma ta' mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€135,000.00) u dan wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank attur datata 16 ta' Ġunju 2014 li kopja tagħna tinsab annessa mal-kuntratt ta' self (Dok A);*

2. *Illi wara xi snin jagħmel pagamenti regolari, il-konvenut waqaf milli jagħmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond it-termini u l-kundizzjonijiet kemm tal-istess sanction letter kif ukoll tal-kuntratt ta' self relattiv;*

3. *Illi fuq dan is-self il-konvenut huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta' mija, sebgħa u għoxrin elf, disa' mija u tmienja u*

*sittin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€127,968.85), dovuta in kwantu għal mija u sbatax-il elf, erba' mija u sitta u disgħin ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€117,496.86) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti għaxart elef, erba' mija u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€10,471.99) bħala imgħax ikkalkulat sas-17 ta' Mejju 2022 (Dok. B), oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-18 ta' Mejju 2022 sad-data tal-pagament effettiv;*

4. *Illi l-konvenut huwa wkoll debitur tal-bank fis-somma ta' disat elef, mija tlieta u sittin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€9,163.40) dovuta in kwantu għas-somma ta' tmint elef, sitt mija u ħamsa u ħamsin Ewro u sittin ċenteżmu (€8655.60) bħala rifużjoni ta' flus lilu avvanżati fuq faċilità ta' karta ta' kreditu (Dok. C) u in kwantu għar-rimanenti ħames mija u sebgħa Ewro u tmenin ċenteżmu (€507.80) bħala imgħax ikkalkulat sas-17 ta' Mejju 2022 kif jirrizulta mill-anness statement of account tal-kont kif riskedat bin-numru 039-16378-340 immarkat bħala Dok. D, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-18 ta' Mejju 2022 sad-data tal-pagament effettiv;*

5. *Illi anki fuq dan il-kont, il-konvenut ma baqax jagħmel il-pagamenti kif rikjesti u miftehma ai termini tal-ftehim relattiv, u għalhekk dan l-ammont huwa illum kollu dovut.*

6. *Illi l-konvenut, għalkemm interpellat biex iħallas l-ammonti dovuti minnu fuq dawn il-kontijiet fuq imsemmija, anki permezz ta' ittra*

*uffiċjali datata 15 ta' Ġunju 2021 li ġġib in-numru 1447/2021 (Dok. E), baqa' inadempjenti;*

7. *Illi għalhekk il-konvenut huwa debitur tal-Bank fis-somma komplessiva ta' mija u sebgħa u tletin elf, mija u tnejn u tletin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€137,132.25) dovuta in kwantu għal mija u sitta u għoxrin elf, mija u tnejn u ħamsin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€126,152.46) bħala kapital u r-rimanenti għaxart elef, disa mija u disgħa u sebgħin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€10,979.79) bħala imgħax ikkalkulat sas-17 ta' Mejju 2022, u dan oltre l-imgħax legali ulterjuri dovut mit-18 ta' Mejju 2022 sad-data tal-pagament effettiv;*

*Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

(i) *Tiddikjara illi l-konvenut Milen Teodorov Mihaylov huwa debitur tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' mija u sebgħa u tletin elf, mija u tnejn u tletin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€137,132.25) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-18 ta' Mejju 2022 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(ii) Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta' mija u sebgħa u tletin elf, mija u tnejn u tletin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€137,132.25) bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mit-18 ta' Mejju 2022 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 15 ta' Ġunju 2021 (Ittra numru 1447/2021) u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża kontra l-konvenut. "*

Rat id-digriet tagħha datat 8 ta' Gunju, 2022.[1]

Rat ukoll li saret id-debita notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni.

Rat ukoll li nonostante tali notifika l-konvenut baqa' n kontumaċja.

Rat ukoll li fis-seduta ta' l-14 ta' Diċembru, 2022[2] il-Bank attur presenta ukoll affidavit biex isostni l-pretensjoni tiegħu. B'hekk ingħalqu l-provi attriċi.

---

[1] Folio 50
[2] Folio 75

Qieset ukoll li f'din l-imsemmija seduta nonostante li ġie msejjaħ lil l-konvenut baqa' ma deherx. Konsegwentement il-Qorti ddifferit il-kawza għal finali trattazzjoni u tħallit ukoll għas-sentenza.

Semgħet it-trattazzjoni tal-bank attur.

**Tenut il-premess taqta' u tiddeċidi kif ġej;**

(i) **Billi tiddikjara illi l-konvenut Milen Teodorov Mihaylov huwa debitur tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' mija u sebgħa u tletin elf, mija u tnejn u tletin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€137,132.25) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-18 ta' Mejju 2022 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

(ii) **Illi tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta' mija u sebgħa u tletin elf, mija u tnejn u tletin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€137,132.25) bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mit-18 ta' Mejju 2022 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 15 ta' Ġunju 2021 (Ittra numru 1447/2021) u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment mall-kawża.**

**Onor.Miriam Hayman**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep Reg**